DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/117

tas-26 ta' Jannar 2015

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Permezz tas-sentenzi tagħha tat-13 ta' Novembru 2014 fil-Kawżi T-653/11, T-654/11 u T-43/12, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill biex jiġu inklużi Aiman Jaber, Khaled Kaddour, Mohammed Hamcho u Hamcho International fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(3) Aiman Jaber, Khaled Kaddour, Mohammed Hamcho u Hamcho International għandhom jerġgħu jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, abbażi ta' dikjarazzjonijiet ta' raġunijiet ġodda.

(4) Id-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandu jiġi emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
E. RINKĒVIČS

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNESS

Il-persuni u l-entità li ġejjin għandhom jiddaħħlu fil-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

I. LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 27 U 28

A. PERSUNI

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
18.	Mohammed (محمد) Hamcho (حمشو)	Data tat-twelid: 20 ta' Mejju 1966. Nru tal-Passaport 002954347	Negozjant prominenti Sirjan, is-sid ta' Hamcho International, qrib ta' figuri ewlenin tar-reġim Sirjan, inkluż il-President Bashar al-Assad u Maher al-Assad. Minn Marzu 2014, huwa kien jokkupa l-pożizzjoni ta' President għaċ-Ċina tal-Kunsilli tan-Negozju Bilaterali wara l-ħatra tiegħu mill-Ministru għall-Ekonomija, Khodr Orfali. Mohammed Hamcho jibbenefika minn, u jipprovdi appoġġ lir-reġim Sirjan u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn, u jappoġġaw ir-reġim.	27.1.2015
28.	Khalid (خالد) (magħruf ukoll bħala Khaled) Qaddur (قدور) (magħruf ukoll bħala Qadour, Qaddour, Kaddour)		Negozjant prominenti Sirjan, qrib ta' Maher al Assad, figura ewlenija tar-reġim Sirjan. Khalid Qaddur jibbenefika minn, u jipprovdi appoġġ lir-reġim Sirjan u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn, u jappoġġaw lir-reġim.	27.1.2015
33.	Ayman (أيمن) Jabir (جابر) (magħruf ukoll bħala Aiman Jaber)	Post tat-twelid: Latakia	Negozjant prominenti Sirjan, qrib ta' figuri ewlenin tar-reġim Sirjan bħal Maher al-Assad u Rami Makhlouf. Huwa wkoll ta appoġġ lir-reġim billi ffaċilita l-importazzjoni taż-żejt minn Overseas Petroleum Trading lejn is-Sirja permezz tal-kumpannija tiegħu El Jazireh. Ayman Jabir jibbenefika minn, u jipprovdi appoġġ lir-reġim u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn, u jappoġġaw lir-reġim.	27.1.2015

B. ENTITAJIET

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
3.	Hamcho International (magħrufa wkoll bħala Hamsho International Group)	Baghdad Street, PO Box 8254 Damasku Tel. 963 112316675 Fax 963 112318875 Internet: www.hamshointl.com Email: info@hamshointl.com u hamshogroup@yahoo.com	Hamcho International hija kumpannija azzjonarja Sirjana kbira li hija ta' proprjetà ta' Mohammad Hamcho. Hamcho International tibbenefika minn, u tipprovdi appoġġ lir-reġim u hija assoċjata ma' persuna li tibbenefika minn, u tappoġġa lir-reġim.	27.1.2015